

Brussell, 13 ta' Jannar 2026
(OR. en)

17031/25

ECOFIN 1786
UEM 653
FIN 1584
ECB
EIB

ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li temenda d-
Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni
tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Spanja

DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL

ta' ...

**li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tat-13 ta' Lulju 2021
dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Spanja**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Frar 2021 li jstabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza¹, u b' mod partikolari l-Artikolu 20(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

¹ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/241/oj>.

Billi:

- (1) Wara l-preżentazzjoni tal-pjan nazzjonali għall-irkupru u r-reżiljenza (“RRP”, recovery and resilience plan) minn Spanja fit-3 ta’ April 2021, il-Kummissjoni pproponiet il-valutazzjoni pożittiva tagħha lill-Kunsill. Fit-13 ta’ Lulju 2021, il-Kunsill approva l-valutazzjoni pożittiva permezz ta’ deċiżjoni ta’ implimentazzjoni² (“id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021”). Id-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 ġiet emendata bid-Deċiżjonijiet ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta’ Ottubru 2023³, tal-14 ta’ Mejju 2024⁴, tal-21 ta’ Jannar 2025⁵, tat-13 ta’ Mejju 2025⁶, tat-12 ta’ Ġunju 2025⁷ u tal-10 ta’ Ottubru 2025⁸.
- (2) Fid-29 ta’ Novembru 2025, Spanja għamlet talba motivata lill-Kummissjoni biex tagħmel proposta biex tiġi emendata d-Deċiżjoni ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta’ Lulju 2021 f’konformità mal-Artikolu 21(1) tar-Regolament (UE) 2021/241 għar-raġuni li l-RRP parzjalment ma għadux jista’ jinkiseb minħabba ċirkostanzi oġġettivi. Fuq dik il-bażi, Spanja ppreżentat RRP emendat.

Emendi bbażati fuq l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241

- (3) L-emendi tal-RRP li ressqet Spanja minħabba ċirkostanzi oġġettivi jikkonċernaw 162 miżura.

² Ara d-dokumenti: ST 10150/21 u ST 10150/21 ADD 1 REV 2 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

³ Ara d-dokumenti ST 13695/23 ; ST 13695/23 REV 1 (en) u; ST 13695/23 ADD 1 REV 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

⁴ Ara d-dokumenti ST 9303/24 u ST 9303/24 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

⁵ Ara d-dokumenti ST 17099/24 u ST 17099/24 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

⁶ Ara d-dokumenti ST 8053/25 u ST 8053/25 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

⁷ Ara d-dokumenti ST 9583/25 u ST 9583/25 ADD1, ST 9583/25 ADD 1 COR 1; u ST 10408/25 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

⁸ Ara d-dokumenti ST 13075/25 u ST 13075/25 ADD 1 fuq <http://register.consilium.europa.eu>.

- (4) Spanja spjegat li 31 miżura ma għadhomx jistgħu jinkisbu minħabba nuqqas ta' domanda. Dan jikkonċerna l-miżuri C2.I7 (Faċilità ta' Self tal-ICO għall-Promozzjoni tal-Akkomodazzjoni Soċjali), C3.I3 (Pjan biex tingħata spinta lis-sostenibbiltà u l-kompetittività tal-agrikoltura u t-trobbija tal-bhejjem (II): It-tiżni tal-bini tal-kapaċità u tas-sistemi tal-bijosigurtà fin-nurseries, fiċ-ċentri tat-tindif u tad-diżinfezzjoni), C5.I3 (Tranżizzjoni diġitali fis-settur tal-ilma (Infurzar Ambjentali Diġitali) - Proġett strateġiku għall-irkupru u t-trasformazzjoni ekonomiċi (PERTE) għad-diġitalizzazzjoni tal-użi tal-ilma), C5.I6 (PERTE għad-diġitalizzazzjoni tal-użi tal-ilma), C6.I4 (Programm ta' appoġġ għal trasport sostenibbli u diġitali), C12.I2 (Programm biex tingħata spinta lill-kompetittività u s-sostenibbiltà industrijali), C12.I4 (Tiżni tal-industrija tal-katina tal-valur tas-semikondutturi), C12.I7 (Skema ta' appoġġ għal proġetti strateġiċi fil-katina tal-valur tal-karozzi elettriċi u agroalimentari (self)), C13.I1 (Intraprenditorija), C13.I6 (Il-Linja l-Ħadra tal-ICO u l-Linja tal-Intrapriżi u l-Imprendituri), C13.I7 (Fond tat-Teknoloġija li Jmiss), C13.I9 (Il-Fond ta' Appoġġ għas-Solvenza tal-Intrapriżi Strateġiċi (FASEE)), C13.I10 (Il-Fond ta' Rikapitalizzazzjoni tan-Negożju tal-COVID-19 (FONREC)), C13.I12 (Fond għall-Intraprenditorija u l-SMEs tal-ENISA), C13.I13 (Fond ta' Reżiljenza Reġjonali (FRA)), C15.I9 (Faċilità ta' Finanzjament tas-CHIP), C17.I2 (It-tiżni tal-kapaċità, l-infrastruttura u t-tagħmir tas-Sistema tal-Istat għax-Xjenza, it-Teknoloġija u l-Innovazzjoni), C17.I5 (Trasferiment tal-għarfien), C17.I6 (Is-saħħa), C17.I9 (L-ajruspazju), C17.I10 (Appoġġ ta' self taħt PERTE Saħħa u PERTE Ajruspazju), C18.I5 (Pjan għar-razzjonalizzazzjoni tal-konsum tal-farmaċewtiċi u l-promozzjoni tas-sostenibbiltà, u l-espansjoni tal-portafoll tas-servizzi ġenomiċi fis-Sistema Nazzjonali tas-Saħħa), C19.I3 (Ħiliet diġitali għall-impjiegi), C19.I4 (Professjonisti diġitali), C21.I1 (Promozzjoni tal-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal (ECEC)), C21.I6 (Pjan għall-iżvilupp ta' mikrokredenzjali universitarji), C25.I2 (PERTE "Ekonomija Ġdida tal-Lingwa": Informazzjoni bl-Ispanjol u lingwi ko-uffiċjali oħra), C25.I3 (Fond għaċ-Ċentru Awdjoviżiv), C31.I7 (Investiment li jappoġġa d-dekarbonizzazzjoni industrijali (self)), C31.I8 (Skema ta' appoġġ għal proġetti ta' dekarbonizzazzjoni (self)) u C32.I3 (Opportunitajiet ta' impjieg għall-persuni li jaħdmu għar-rikostruzzjoni u r-rivitalizzazzjoni soċjoekonomika tat-territorji affettwati mid-DANA). Abbażi ta' dan, Spanja talbet li daww il-miżuri jiġu emendati jew jitneħħew. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

- (5) Spanja spjegat li 23 miżura parzjalment ma għadhomx jistgħu jinkisbu minħabba restrizzjonijiet fil-katina tal-provvista u ostakli tekniċi u amministrattivi mhux mistennija. Dan jikkonċerna l-miżuri C2s.I1 (Programm ta' riabilitazzjoni għall-irkupru ekonomiku u soċjali f'ambjenti residenzjali), C4.I1 (Diġitalizzazzjoni u Għarfien tal-wirt naturali), C4.I2 (Konservazzjoni tal-bijodiversità terrestri u tal-baħar), C4.I3 (Restawr tal-ekosistemi u tal-infrastruttura ekoloġika), C4.I4 (Ġestjoni sostenibbli tal-foresti), C5.I1 (Implimentazzjoni ta' azzjonijiet ta' trattament, sanità, effiċjenza, iffrankar, użu mill-ġdid u sikurezza tal-infrastruttura (DSEAR)), C5.I2 (Monitoraġġ u restawr tal-ekosistemi tax-xmajjar, irkupru tal-akwifer u mitigazzjoni tar-riskju ta' għargħar), C5.I5 (L-irkupru tal-akwifer b'riżorsi alternattivi), C8.I1 (Użu tal-ħżin tal-enerġija), C8.I3 (Mudelli kummerċjali ġodda fit-tranżizzjoni tal-enerġija), C11.I1 (Modernizzazzjoni tal-Amministrazzjoni Ġenerali tal-Istat), C11.I3 (Trasformazzjoni diġitali u modernizzazzjoni tal-Ministeru tal-Politika Territorjali u tas-Servizz Ċivili, tas-Servizz Nazzjonali tas-Saħħa, u tal-amministrazzjoni tal-Komunitajiet Awtonomi u tal-awtoritajiet lokali), C11.I6 (Strumenti ta' Ċibersigurtà u Reżiljenza u Sigurtà), , C14.I1 (Trasformazzjoni tal-mudell tat-turiżmu lejn is-sostenibbiltà), C14.I4 (Azzjonijiet speċjali fil-qasam tal-kompetittività), C15.I3 (Vawċers tal-konnettività għall-SMEs u l-gruppi vulnerabbli), C15.I7 (Ċibersigurtà: It-tiħib tal-kapaċitajiet taċ-ċittadini, l-SMEs u l-professjonisti; it-tiħib tal-ekosistema tas-settur), C18.I3 (Aktar kapaċitajiet ta' rispons għall-kriżijiet tas-saħħa), C19.I1 (Ħiliet diġitali trażversali), C20.I1 (Taħriġ mill-ġdid u tiħib tal-ħiliet tal-forza tax-xogħol marbuta mal-kwalifiki professjonali), C25.I1 (Programm għall-promozzjoni, il-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tas-settur awdjoviżiv), C26.I1 (Pjan Diġitali għall-Isport) u C31.I4 (Investiment li jappoġġa l-infrastruttura tan-network tal-elettriku). Abbażi ta' dan, Spanja talbet li dawk il-miżuri jiġu emendati jew jitneħħew. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

- (6) Spanja spjegat li tliet miżuri parzjalment ma għadhomx jistgħu jinkisbu minħabba l-inflazzjoni. Dan jikkonċerna l-miżuri C2.I2 (Programm għall-kostruzzjoni ta' akkomodazzjoni soċjali mikrija f' bini effiċjenti fl-użu tal-enerġija), C22.I3 (Pjan ta' Spanja għall-Aċċessibilità fil-Pajjiż) u C22.I5 (Żieda fil-kapaċità u l-effiċjenza tas-sistema ta' akkoljenza għall-migranti u l-applikanti ta' protezzjoni internazzjonali). Abbażi ta' dan, Spanja talbet li daww il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.
- (7) Spanja spjegat li tliet miżuri parzjalment ma għadhomx jistgħu jinkisbu minħabba għadd insuffiċjenti ta' applikazzjonijiet eliġibbli. Dan jikkonċerna l-miżuri C2.I4 (Programm ta' riġenerazzjoni u sfida demografika), C15.I1 (Il-promozzjoni tal-koeżjoni territorjali permezz tal-introduzzjoni ta' networks: Estensjoni tal-broadband ultraveloċi), u C15.I6 (Skjerament tal-5G: in-networks, il-bidla teknoloġika u l-innovazzjoni). Abbażi ta' dan, Spanja talbet li daww il-miżuri jiġu emendati. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

- (8) Spanja spjegat li ġew emendati jew sostitwiti 23 miżura biex jiġu implimentati alternattivi aħjar sabiex tinkiseb l-ambizzjoni oriġinali ta' dawk l-miżuri. Dan jikkonċerna l-miżuri C7.I1 (Żvilupp ta' enerġija rinnovabbli innovattivi, integrati fil-bini u l-proċessi tal-produzzjoni), C7.I2 (Enerġija sostenibbli fil-gżejjer), C8.I2 (Diġitalizzazzjoni tanetworks), C11.I2 (Proġetti speċifiċi għad-diġitalizzazzjoni tal-gvern ċentrali), C11.I4 (Pjan ta' tranżizzjoni tal-enerġija fl-Amministrazzjoni Ġenerali tal-Istat), C11.R1 (Riforma għall-modernizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni), C12.I1 (Spazji tad-data settorjali għad-diġitalizzazzjoni tas-setturi tal-produzzjonijiet), C13.I3 (Id-Diġitalizzazzjoni u l-Innovazzjoni), C13.R3 (Reviżjoni tal-Liġi dwar is-Swieq tat- Titoli u s-Servizzi ta' Investment), C13.I5 (Internazzjonalizzazzjoni), C15.I2 (It-tisħiħ tal-konnettività f'ċentri ta' referenza, muturi soċjoekonomiċi u proġetti ta' diġitalizzazzjoni settorjali), C15.I8 (Ċippa PERTE: It-tisħiħ tal-ekosistema xjentifika u teknoloġika. Żieda fil-kapaċitajiet tad-disinn), C16.R1 (Strateġija Nazzjonali għall-IA), C18.R3 (It-tisħiħ tal-koeżjoni, tal-ekwità u tal-universalità), C18.R5 (Ir-riforma tar-regolamentazzjoni tal-mediċini u t-titjib tal-aċċess għall-mediċini), C22.R3 (Adozzjoni ta' liġi ġdida dwar il-protezzjoni tal-familji u r-rikonossiment tad-devjazzjoni tagħhom), C22.R5 (Titjib tas-sistema tal-benefiċċji finanzjarji mhux kontributorji tal-Amministrazzjoni Ġenerali tal-Istat), C26.I2 (Pjan għat-tranżizzjoni ekoloġika tal-faċilitajiet sportivi), C26.I3 (Pjan Soċjali għall-Isport), C31.I1 (Investiment li jippromwovi l-awtokonsum (ibbażat fuq l-enerġija rinnovabbli u l-ħżin wara l-miter) u l-komunitajiet tal-enerġija), C31.I2 (Skema li tappoġġa l-produzzjoni u l-użu tal-idroġenu rinnovabbli), C31.I3 (Skema ta' sussidji biex tappoġġa l-katina tal-valur tas-sorsi tal-enerġija rinnovabbli u l-ħżin) u C31.I5 (Investiment li jappoġġa d-dekarbonizzazzjoni industrijali (għotjiet)). Abbażi ta' dan, Spanja talbet li dawk il-miżuri jiġu emendati jew sostitwiti. Barra minn hekk, Spanja talbet li tiżied miżura ġdida. Dan jikkonċerna l-miżura C22.R3a (L-adozzjoni ta' leġiżlazzjoni dwar l-estensjoni tat-tul ta' żmien tal-liv imħallas għat-twelid u għall-kura). Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

- (9) Spanja spjegat li ġew emendati, imneħħija jew sostitwiti 72 miżura biex jiġu implimentati alternattivi aħjar li jippermettu li jitnaqqas il-piż amministrattiv u tiġi ssimplifikata l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021, filwaqt li xorta jintlaħqu l-oġġettivi tal-RRP. . Dan jikkonċerna l-miżuri C1.R2 (Liġi dwar il-Mobbiltà), C1.I1 (Żoni b'emissjonijiet baxxi u trasformazzjoni tat-trasport urban u metropolitan), C1.I2 (Skema ta' inċentiv għall-installazzjoni ta' punti tal-irriċarġjar, ix-xiri ta' vetturi elettriċi u b'ċelloli tal-fjuwil u l-innovazzjoni fl-elettromobbiltà, l-irriċarġjar u l-idroġenu ekoloġiku), C1.I3 (Miżuri għat-titjib tal-kwalità u l-affidabbiltà tas-servizzi tat-trasport ferrovjarju), C2.I3 (Programm għar-Riabilitazzjoni tal-Enerġija tal-Bini), C2.I5 (Programm ta' Riabilitazzjoni tal-Bini Pubbliku), C2.R7 (Programm ta' miżuri għall-promozzjoni tal-provvista ta' akkomodazzjoni għall-kiri), C3.R6 (Reviżjoni tal-qafas regolatorju nazzjonali għar-regolamentazzjoni tas-sajd sostenibbli), C3.R7 (Liġi dwar il-prevenzjoni tat-telf u l-ħela tal-ikel), C3.R8 (Regolament dwar is-sistema ta' informazzjoni dwar l-azjendi agrikoli), C3.I1 (Pjan biex jittejbu l-effiċjenza u s-sostenibbiltà fl-irrigazzjoni), C3.I2 (Pjan biex tingħata spinta lis-sostenibbiltà u l-kompetittività tal-agrikoltura u t-trobbija tal-bhejjem (I): L-immodernizzar tal-laboratorji tas-saħħa tal-annimali u tal-pjanti), C3.I4 (Pjan biex tingħata spinta lis-sostenibbiltà u l-kompetittività tal-agrikoltura u t-trobbija tal-bhejjem (III): Investimenti fl-agrikoltura ta' preċiżjoni, l-effiċjenza enerġetika u l-ekonomija ċirkolari fis-settur tal-agrikoltura u tal-bhejjem), C3.I12 (Pjan biex jittejbu l-effiċjenza u s-sostenibbiltà fl-irrigazzjoni), C4.R4 (Strateġija Nazzjonali għall-Ġlieda kontra d-Deżertifikazzjoni), C5.I4 (L-adattament tal-kosta għat-tibdil fil-klima, u l-implimentazzjoni ta' Strateġiji Marittimi u Pjanijiet għall-Ippjanar Spazjali Marittimu), C6.I1 (Network nazzjonali ta' trażmissjoni: Il-kurituri Ewropej), C6.I2 (Network Trans-Ewropew għall-Programm tat-Trasport, xogħlijiet oħra), C6.I3 (Intermodalità u loġistika), C6.R3 (Strateġija għall-Effiċjenza Enerġetika fin-Network Nazzjonali tal-Awtostradi), C7.R3 (Żvilupp tal-komunitajiet tal-enerġija), C8.R3 (Żvilupp tal-qafas regolatorju għas-servizzi ta' aggregazzjoni, ġestjoni tad-domanda u flessibbiltà), C9.I1 (Skema ta' appoġġ għall-idroġenu rinnovabbli, proġett tal-pajjiż),

C10.I1 (Investiment fi Tranżizzjoni Ġusta), C11.R3 (Riforma biex tiġi mmodernizzata l-arkitettura istituzzjonali tal-governanza ekonomika), C11.I5 (Trasformazzjoni tal-amministrazzjoni għall-implimentazzjoni tal-Pjan Spanjol għall-Irkupru u r-Reżiljenza), C12.R1 (Strateġija Spanjola biex tingħata spinta lill-Industrija 2030), C12.I3 (Pjan għall-appoġġ tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-iskart u l-promozzjoni tal-ekonomija ċirkolari), C12.I5 (Skema ta' sussidji biex tappoġġa l-ekonomija ċirkolari), C13.I2 (Tkabbir), C13.I4 (Appoġġ għall-Kummerċ), C13.I8 (Fond ta' Koinvestment (FOCO)), C13.I11 (Strument ta' garanzija SGR-CERSA), C13.R1 (Titjib tar-regolamentazzjoni tan-negozju u tal-klima), C14.I2 (Programm ta' diġitalizzazzjoni u intelligence għad-destinazzjonijiet u s-settur tat-turiżmu), C14.I3 (Strateġiji ta' reżiljenza għat-turiżmu għal territorji extra-peninsulari), C15.I5 (Użu ta' infrastruttura diġitali transfruntiera), C17.I4 (Karriera xjentifika ġdida), C17.I7 (L-ambjent, it-Tibdil fil-klima u enerġija), C18.R4 (It-tishiġ tal-ħiliet professjonali u t-tnaqqis tal-impjeg temporanju), C18.I2 (Azzjonijiet għat-tishiġ tal-prevenzjoni u l-promozzjoni tas-saħħa), C18.I4 (Taħriġ tal-professionisti tas-saħħa u riżorsi għall-kondiviżjoni tal-għarfien, u t-titjib tat-trattament ta' pazjenti b' mard rari), C18.I6 (Lag tad-data dwar is-saħħa), C19.I2 (It-trasformazzjoni diġitali tal-edukazzjoni), C20.I2 (It-trasformazzjoni diġitali tat-taħriġ vokazzjonali), C20.I3 (L-innovazzjoni u l-internazzjonalizzazzjoni tat-taħriġ vokazzjonali), C21.R2 (Mudell ġdid tal-kurrikulu għall-kompetenzi ewlenin, it-tagħlim fundamentali u l-ippjanar akkademiku inklużiv), C21.I2 (Programm għall-orjentazzjoni, il-progress u l-arrikkiment edukattiv ("PROA+")), C21.I3 (Appoġġ għal studenti u familji vulnerabbli), C21.I5 (Titjib tal-infrastruttura diġitali, it-tagħmir, it-teknoloġiji, it-tagħlim u l-evalwazzjoni tal-universitajiet), C22.I1 (Pjan ta' kura fit-tul u ta' appoġġ: deistituzzjonalizzazzjoni, tagħmir u teknoloġija), C22.I2 (Pjan għall-Modernizzazzjoni tas-Servizzi Soċjali - Trasformazzjoni teknoloġika, innovazzjoni, taħriġ u tishiġ tal-kura tat-tfal), C22.I4 (Pjan ta' Spanja għall-protezzjoni mill-vjolenza abbażi tal-ġeneru), C22.I6 (Fond ta' Impatt Soċjali (FIS)), C22.R2 (L-immodernizzar tas-servizzi soċjali pubbliċi u l-għoti ta' qafas regolatorju ġdid),

C22.R6 (It-tisħiħ tal-mekkaniżmi ta' garanzija biex jiġi żgurat livell ogħla ta' protezzjoni tad-drittijiet f'ċerti każijiet fejn il-konsumatur ikun affettwat minn vulnerabbiltà soċjali u ekonomika partikolari), C23.R11 (Diġitalizzazzjoni tas-Servizzi Pubbliċi tal-Impjiegi (PES) għall-modernizzazzjoni u l-effiċjenza tagħha), C23.I1 (Impjieg taż-Żgħażaġħ), C23.I2 (Impjiegi tan-nisa u integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fil-politiki attivi tas-sug tax-xogħol), C23.I3 (Ħiliet ġodda għat-tranżizzjoni ekoloġika, diġitali u produttiva), C23.I4 (Proġetti territorjali ġodda għall-ibbilanċjar mill-ġdid u l-ekwità), C23.I5 (Governanza u spinta tal-politiki li jappoġġaw l-attivazzjoni), C23.I6 (Pjan komprensiv biex tingħata spinta lill-ekonomija soċjali), C23.I7 (Promozzjoni tat-tkabbir inklużiv billi l-politiki ta' inklużjoni soċjali jintrabtu mal-iskema nazzjonali ta' introjtu minimu ("IMV")), C24.R2 (Pjan għat-tisħiħ tad-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati), C24.I1 (Tisħiħ tal-kompetittività tal-industriji kulturali), C24.I2 (Spinta lill-kultura madwar it-territorju), C25.R1 (Riforma tal-qafas regolatorju awdjoviżiv), C26.R2 (Liġi għall-Professjonisti Sportivi), C26.R3 (Strateġija Nazzjonali għall-promozzjoni tal-isport), C28.I1 (Inċentivi fiskali għar-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika u x-xiri ta' vetturi elettriċi u punti tal-iċċarġjar) u C28.R2 (Analiżi tal-benefiċċji tat-taxxa). Abbażi ta' dan, Spanja talbet li daww il-miżuri jiġu emendati, sostitwiti jew imneħħija. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq.

- (10) Wara t-tneħħija u t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni tal-miżuri f'konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2021/241, Spanja talbet li tuża r-riżorsi liberati bit-tneħħija tal-miżuri u t-tnaqqis fil-livell tal-implimentazzjoni tagħhom biex jiżdiedu erba' miżuri ġodda u jiżdied il-livell ta' implimentazzjoni ta' tliet miżuri. Dan jikkonċerna l-miżuri l-ġodda C13.I14 (Injezzjoni tal-Ekwità fl-ICO), C16.I1 (Kontribuzzjonijiet volontarji lill-Impriża Konġunta EuroHPC għall-Gigafactories tal-IA jew infrastruttura ekwivalenti tal-IA u għall-iżvilupp ta' inizjattivi tat-teknoloġija kwantistika), C17.I11 (Kontribuzzjoni volontarja lill-ESA għall-FutureNav il-Konnettività Sigura tal-UE u il-European Launcher Challenge) u C31.I9 (Skema li tappoġġa t-Tranżizzjoni Ekoloġika), u ż-żieda fil-livell ta' implimentazzjoni tal-miżuri C3.I1 (Pjan biex jittejbu l-effiċjenza u s-sostenibbiltà fl-irrigazzjoni), C12.I6 (Skema ta' sussidju biex jiġu appoġġati proġetti strateġiċi fil-katina tal-valur tal-karozzi elettriċi (għotjiet)) u C31.I6 (Skema ta' sussidju għal proġetti ta' dekarbonizzazzjoni (għotjiet)). Jenħtieġ li Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 tiġi emendata kif xieraq.

Distribuzzjoni tal-istadji importanti u tal-miri

- (11) Id-distribuzzjoni tal-istadji importanti u l-miri f'pagamenti parzjali jenħtieġ li tiġi emendata biex tqis l-emendi għall-RRP u l-iskeda ta' żmien indikattiva ppreżentata minn Spanja.

Valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (12) Il-Kummissjoni vvalutat l-RRP emendat skont il-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241.

La tagħmilx ħsara sinifikanti

- (13) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (d), u l-kriterju 2.4 tal-Anness V, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa mistenni jiżgura li l-ebda miżura (klassifikazzjoni A) għall-implimentazzjoni ta' riformi u proġetti ta' investment inklużi fl-RRP ma tagħmel ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁹ (il-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”).
- (14) Spanja ppreżentat valutazzjoni tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti” għal kull wieħed mill-investimenti l-ġodda. Modifiki oħrajn tal-miżuri inklużi fl-RRP oriġinali fl-RRP oriġinali ma għandhomx impatt fuq il-valutazzjoni tal-prinċipju “la tagħmilx ħsara sinifikanti”. Abbażi tal-informazzjoni pprovduta u minħabba l-kamp ta' applikazzjoni limitat tal-emendi, jista' jiġi konkluż li l-RRP emendat jagħmilx ħsara sinifikanti lill-objettivi ambjentali skont it-tifsira tal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2020/852.

Kontribuzzjoni għall-objettivi tar-REPowerEU

- (15) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (da), u l-kriterju 2.12 tal-Anness V, , tar-Regolament (UE) 2021/241, il-kapitolu REPowerEU huwa mistenni li jikkontribwixxi b'mod effettiv fil-bieċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għas-sigurtà tal-enerġija, id-diversifikazzjoni tal-provvista tal-enerġija tal-Unjoni, żieda fl-użu tal-enerġija rinnovabbli u fl-effiċjenza enerġetika, żieda fil-kapaċitajiet tal-ħżin tal-enerġija jew it-tnaqqis meħtieġ tad-dipendenza fuq il-fjuwils fossili qabel l-2030.

⁹ Ir-Regolament (UE) 2020/852 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2020 dwar l-istabbiliment ta' qafas biex jiġi ffaċilitat l-investment sostenibbli, u li jemenda r-Regolament (UE) 2019/2088 (ĠU L 198, 22.6.2020, p. 13, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2020/852/oj/eng>).

- (16) L-emenda għall-kapitolu REPowerEU tinkludi miżura ġdida waħda, jiġifieri C31.I9 (Skema ta' appoġġ għat-Tranżizzjoni Ekoloġika). Dik il-miżura tkopri investimenti li jappoġġaw l-użu ta' flotot ta' vetturi elettriċi, is-settur tal-enerġija rinnovabbli, il-ħżin tal-enerġija, il-komunitajiet tal-enerġija u t-tranżizzjoni tal-enerġija fil-komunitajiet tal-gżejjer. L-investimenti taħt dik il-miżura jinċentivaw l-użu ta' enerġiji rinnovabbli u t-tranżizzjoni lil hinn mill-fjuwils fossili. Emendi ulterjuri għall-kapitolu REPowerEU jinkludu t-tnaqqis proporzjonali fl-ambizzjoni tal-miżura C31.I5 (Investiment li jappoġġa d-dekarbonizzazzjoni industrijali għotjiet)). Madankollu, dak it-tnaqqis huwa kkomplementat minn żieda fl-ambizzjoni tal-miżura C31.I6 (Skema ta' sussidju għal proġetti ta' dekarbonizzazzjoni (għotjiet)), u b'hekk jippermetti dekarbonizzazzjoni sinifikanti tas-settur industrijali. Għalhekk, il-kapitolu emendat REPowerEU se jinċentiva l-użu rapidu ta' teknoloġiji tal-enerġija nadifa u l-adozzjoni tagħhom u jnaqqas id-dipendenza fuq il-fjuwils fossili. Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawk l-emendi ma jibdilx il-valutazzjoni ġenerali tal-kriterju 2.12 of Annex V to Regulation (EU) 2021/241.

Kontribut għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità

- (17) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (e), l-kriterju 2.5 tal-Anness V, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-bieċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni ekoloġika, inkluża l-bijodiversità, jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi klimatiċi jwasslu għal ammont li jirrappreżenta 37,008 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat u 90.75 % tal-kostijiet totali stmati tal-miżuri fil-kapitolu REPowerEU kkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VI tar-Regolament (UE) 2021/241. F'konformità mal-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat huwa konsistenti mal-informazzjoni inkluża fil-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima 2021–2030.

- (18) B'mod ġenerali, minħabba l-kontenut differenti tal-ittagjar klimatiku tal-tal-miżuri li l-livell ta' implimentazzjoni tagħhom żdied u tal-miżuri li l-livell ta' implimentazzjoni tagħhom tnaqqas, l-emendi għall-RRP ta' Spanja jinvolvu tnaqqis nett fil-kontribut ġenerali għall-mira klimatika tal-RR bi 2,992 punti perċentwali, minn 40 % għal 37,008 %. Minkejja dak it-tnaqqis, l-ambizzjoni ġenerali tal-RRP emendat rigward it-tranżizzjoni ekoloġika għadha għolja. Il-miżuri tal-RRP emendat għadhom mistennija jnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra u jiffaċilitaw l-użu tal-enerġija rinnovabbli u b'hekk jikkontribwixxu għall-ilħuq tal-miri klimatiċi għall-2030 u l-oġettiv tan-newtralità klimatika tal-UE sal-2050.

Kontribuzzjoni għat-tranżizzjoni diġitali

- (19) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (f), u l-kriterju 2.6 tal-Anness V, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-RRP emendat fih miżuri li jikkontribwixxu fil-bieċa l-kbira (klassifikazzjoni A) għat-tranżizzjoni diġitali jew għall-indirizzar tal-isfidi li jirriżultaw minnha. Il-miżuri li jappoġġaw l-oġettivi diġitali jwasslu għal ammont li jirrappreżenta 21,517 % tal-allokazzjoni totali tal-RRP emendat ikkalkolat f'konformità mal-metodoloġija stabbilita fl-Anness VII ta' dak ir-Regolament (UE) 2021/241.
- (20) B'mod ġenerali, minħabba l-kontenut differenti tal-ittagjar diġitali tal-miżuri li l-livell ta' implimentazzjoni tagħhom żdied u tal-miżuri li l-livell ta' implimentazzjoni tagħhom tnaqqas, l-emendi għall-RRP ta' Spanja jinvolvu tnaqqis nett fil-kontribut ġenerali għall-mira diġitali tal-RRP b'0,153 punti perċentwali minn 21,67 % għal 21,517 %. L-RRP emendat ikompli jikkontribwixxi b'mod sinifikanti għat-tranżizzjoni diġitali, inkluż billi jżid id-diġitalizzazzjoni tal-amministrazzjoni pubblika u tal-intrapriżi u billi jżid l-għadd ta' servizzi diġitali għaċ-ċittadini u għan-negożji.

Kostijiet

- (21) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (i), u mal-Anness V, il-kriterju 2.9, tar-Regolament (UE) 2021/241, il-ġustifikazzjoni pprovduta fl-RRP emendat dwar l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP hija moderament (klassifikazzjoni B) raġonevoli u plawżibbli, hija konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u hija proporzjonata mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni.
- (22) L-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa konformi man-natura u t-tip tar-riformi u l-investimenti previsti. B'riżultat ta' dan, l-istimi tal-kost għall-biċċa l-kbira tal-miżuri fl-RRP emendat huma meqjusa raġonevoli u plawżibbli. Spanja pprovdiet biżżejjed informazzjoni u evidenza li l-ammont tal-kost totali stmat mhuwiex kopert minn finanzjament tal-Unjoni eżistenti jew ippjanat. Fl-aħħar nett, il-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u huwa proporzjonat mal-impatt ekonomiku u soċjali nazzjonali mistenni. Għalhekk, il-klassifikazzjoni B hija ġġustifikata għall-RRP emendat.

Ħarsien tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni

- (23) F'konformità mal-Artikolu 19(3), il-punt (j), u mal-Anness V, il-kriterju 2.10, tar-Regolament (UE) 2021/241, l-arranġamenti proposti fl-RRP emendat huma adegwati (Klassifikazzjoni A) sabiex jipprevjenu, jidentifikaw u jikkoreġu l-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess meta jużaw il-fondi pprovduti skont dak ir-Regolament, u l-arranġamenti huma mistennija li jevitaw b'mod effettiv il-finanzjament doppju skont dak ir-Regolament u programmi oħrajn tal-Unjoni. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni ta' strumenti u ta' għodod oħra għall-promozzjoni u għall-infurzar tal-konformità mad-dritt tal-Unjoni, inkluż għall-prevenzjoni, l-identifikazzjoni u l-korrezzjoni tal-korruzzjoni, il-frodi u l-kunflitti ta' interess, u għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni f'konformità mar-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰.
- (24) Mill-valutazzjoni preċedenti, il-Kummissjoni kellha aċċess għal informazzjoni dwar l-implimentazzjoni attwali tas-sistema ta' awditjar u ta' kontroll ta' Spanja. Dan jinkludi s-sejbiet preliminari tal-awditu dwar il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni mwettaq mill-Kummissjoni fi Spanja.

¹⁰ Ir-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2020/2092/oj>).

- (25) Fid-dawl ta' din l-informazzjoni, il-Kummissjoni tqis li s-sistema ta' kontroll intern tal-RRP ta' Spanja hija ġeneralment adegwata. Spanja pprovdiet stimi tal-kostijiet individwali għall-investimenti modifikati u għodda inklużi fl-RRP emendat, filwaqt li bbażat fuq tnaqqis jew żieda proporzjonali, u fuq diversi sorsi biex tiġġustifika dawk l-istimi. L-informazzjoni dwar il-kostijiet ipprovduta hija dettaljata u sostanzjata biżżejjed. Spanja pprovdiet stimi u suppożizzjonijiet dwar il-kostijiet, inkluż deskrizzjonijiet u spjegazzjonijiet tal-muturi ewlenin u l-bidliet fil-kostijiet tal-miżuri modifikati u l-proporzjonalità tagħhom. Il-valutazzjoni tal-istimi tal-kostijiet u tad-dokumenti ta' sostenn turi li l-maġġoranza tal-kostijiet tal-miżuri l-għodda u modifikati huma ġġustifikati sew, raġonevoli u plawżibbli. Spanja pprovdiet ukoll biżżejjed informazzjoni u evidenza li l-ammont tal-kostijiet totali stmati mhux kopert minn finanzjament tal-Unjoni eżistenti jew ippjanat. Fl-aħħar nett, il-kost totali stmat tal-RRP huwa konformi mal-prinċipju tal-kosteffiċjenza u proporzjonali mal-impatt nazzjonali, ekonomiku u soċjali mistenni.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' valutazzjoni

- (26) Il-Kummissjoni tqis li l-emendi mressqa minn Spanja ma jaffettwawx il-valutazzjoni pożittiva tal-RRP stabbilita fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 rigward ir-rilevanza, l-effettività, l-effiċjenza u l-koerenza tal-RRP mal-kriterji ta' valutazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 19(3), il-punti (a), (b), (c), (db), (g), (h) u (k),. tar-Regolament (UE) 2021/241.

Valutazzjoni pożittiva

- (27) Wara l-valutazzjoni pożittiva mill-Kummissjoni tal-RRP emendat, bis-sejba li l-RRP jikkonforma b'mod sodisfaċenti mal-kriterji għall-valutazzjoni stabbiliti fir-Regolament (UE) 2021/241, f'konformità mal-Artikolu 20(2) u mal-Anness V ta' dak ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-riformi u l-proġetti ta' investiment meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat, l-istadji importanti, il-miri u l-indikaturi rilevanti, u l-ammont disponibbli mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-RRP emendat.

Kontribuzzjoni finanzjarja

- (28) Il-kost totali stmati tal-RRP emendat ta' Spanja huma ta' EUR 102 575 266 373. Peress li l-ammont tal-kost totali stmat tal-RRP emendat huwa oġġla mill-kontribuzzjoni finanzjarja massima aġġornata disponibbli għal Spanja, il-kontribuzzjoni finanzjarja ddeterminata f'konformità mal-Artikoli 4a tar-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹, u mal-Artikolu 20(4) u 21a(6) tar-Regolament (UE) 2021/241 li hija allokata għall-RRP emendat ta' Spanja jenħtieġ li tkun ugwali għal EUR 79 854 183 024. Għaldaqstant, il-kontribuzzjoni finanzjarja disponibbli għal Spanja tibqa' l-istess.

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2021/1755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-6 ta' Ottubru 2021 li jistabbilixxi r-Riżerva ta' Aġġustament għall-Brexit, (ĠU L 357, 8.10.2021, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2021/1755/oj>).

Għoti ta' self

- (29) Sabiex jiġu appoġġati riformi u investimenti addizzjonali, sar disponibbli għal Spanja appoġġ totali fil-forma ta' self ta' EUR 83 160 060 000 permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill fis-17 ta' Ottubru 2023. Wara t-tneħħija tal-miżuri C5.I5 (Irkupru tal-akwifer b'riżorsi alternattivi), C5.I6 (PERTE għad-diġitalizzazzjoni tal-użi tal-ilma), C13.I9 (Il-Fond ta' Appoġġ għas-Solvenza tal-Intrapriżi Strateġiċi (FASEE)), C13.I11 (Strument ta' garanzija SGR-CERSA), C28.I1 (Inċentivi fiskali għar-rinnovazzjonijiet tal-effiċjenza enerġetika u x-xiri ta' vetturi elettriċi u punti tal-iċċarġjar), C31.I7 (Investiment li jappoġġa d-dekarbonizzazzjoni industrijali (self)), C31.I8 (Skema ta' appoġġ għal proġetti ta' dekarbonizzazzjoni (self)) u t-tnaqqis fil-livell ta' implimentazzjoni ta' C2.I7 (Faċilità ta' Self tal-ICO għall-Promozzjoni tal-Akkomodazzjoni Soċjali), C11.I6 (Strumenti ta' Ċibersigurtà u Reżiljenza u Sigurtà), C12.I7 (Skema ta' appoġġ għal proġetti strateġiċi fil-katina tal-valur tal-karozzi elettriċi u agroalimentari (self), C13.I6 (Linja l-Ħadra tal-ICO u Linja tal-Intrapriżi u l-Imprendituri), C13.I7 (Fond tat-Teknoloġija li Jmiss), C13.I10 (Il-Fond ta' Rikapitalizzazzjoni tan-Negożju tal-COVID-19 (FONREC)), C13.I12 (Fond għall-Intraprenditorija u l-SMEs tal-ENISA), C13.I13 (Fond ta' Reżiljenza Reġjonali (FRA), C15.I9 (Faċilità ta' Finanzjament tas-CHIP), C17.I10 (Appoġġ ta' self taħt PERTE Saħħa u PERTE Ajruspazju), C25.I2 (PERTE "Ekonomija Ġdida tal-Lingwa": Informazzjoni bl-Ispanjol u lingwi ko-uffiċjali oħra), u C25.I3 (Fond għaċ-Ċentru Awdjoviżiv) skont l-Artikolu 21 tar-Regolament 2021/241, Spanja talbet biss li tuża parti mir-riżorsi ta' self liberat biex tappoġġa miżura ġdida C13.I15 (Injezzjoni ta' ekwità fl-ICO). L-ammont tal-kostijiet totali stmati tal-RRP huwa inqas mill-kontribuzzjoni finanzjarja kkombinata disponibbli għal Spanja u l-appoġġ fil-forma ta' self li kien sar disponibbli għal Spanja permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tas-17 ta' Ottubru 2023. Għalhekk, l-appoġġ totali fil-forma ta' self disponibbli għal Spanja jenħtieġ li jitnaqqas għal EUR 22 705 547 373.

- (30) Għalhekk id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li tiġi emendata kif xieraq. Għal raġunijiet ta' ċarezza, l-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 jenħtieġ li jiġi sostitwit kompletament.
- (31) Din id-Deċiżjoni hija mingħajr preġudizzju għall-eżitu ta' kull proċedura marbuta mal-ġoti ta' fondi tal-Unjoni skont kull programm ieħor tal-Unjoni ħlief il-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza jew għal proċeduri relatati ma' distorsjonijiet tal-operazzjoni tas-suq intern li jistgħu jitwettqu, b'mod partikolari skont l-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat. Din ma tirkibx fuq il-ħtieġa li l-Istati Membri jinnotifikaw każijiet ta' għajjnuna potenzjali mill-Istat lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza emendat

Il-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza emendat għal Spanja fuq il-bażi tal-kriterji previsti fl-Artikolu 19(3) tar-Regolament (UE) 2021/241 hija approvata.

Artikolu 2

Emendi

Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2021 dwar l-approvazzjoni tal-valutazzjoni tal-pjan għall-irkupru u r-reżiljenza għal Spanja hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2a, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“1. L-Unjoni għandha tqiegħed għad-dispożizzjoni ta' Spanja self li jammonta għal massimu ta' EUR 22 705 547 373.”;

(2) l-Anness huwa sostitwit bit-test li jidher fl-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 3
Destinatarju

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Renju ta' Spanja.

Magħmul fi...,

Għall-Kunsill
Il-President
